MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 790/2001/1

**Edgar Galea ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Citadel Insurance p. l. c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Mark u Miriam konjugi Cassar Torreggiani**

**vs**

**Alfred u Gladys Sant Fournier**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu:

1. Iddikjarati unikament responsabbli minhabba negligenza u imprudenza da parti taghhom ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident li gara fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Novembru 1999 gewwa Ta' Xbiex, meta l-hajt divizorju li hemm bejn il-gonna tal-proprjeta' tal-konvenuti u dik tal-konjugi Mark u Miriam Cassar Torregiani waqa' u kkaguna hsarat konsiderevoli fil-propjeta' tal-konjugi Cassar Torregiani liema propjeta' kienet assikurata mas-socjeta' attrici assikuratrici;

2. Illi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici fis-somma ta' elfejn, erba' mija u hamsa u sittin Lira Maltin (LM2465.00,0) jew somma ohra verjuri bl-opra ta' periti nominandi;

3. Ikkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult hmistax-il Lira Maltin (Lm15.00,0), ta' Ittra Ufficjali tal-10 ta' Awissu tas-sena 2000 kontra l-istess konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu respinti stante li huma ghal kollox infondati kemm fuq bazi fattwali u kif ukoll fuq bazi legali kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit illi l-konvenuti m'ghandhomx jigu ritenuti responsabbli ghall-allegat incident in kwistjoni anzi kienu l-istess atturi li ghandhom jigu mizmuma ghal kollox responsabbli stante li ma kienu taw ebda widen ghal Perit Andrew Ellul li kien avzahom bil-periklu u hsara li kienu qed jikkagunaw is-sigar fuq il-proprjeta' ta' l-atturi li kienu

vicin ferm wisq ghal hajt divizorju anzi kienu marbuta mal-istess hajt divizorju;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit ulterjorment illi l-ammont pretiz huwa eccessiv. Bizzejjed wiehed isemmi li l-ewwel valutazzjoni kienet avzata lill-konvenuti fl-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin (Lm600); it-tieni wahda fl-ammont ta’ circa elf u seba’ mitt Lira Maltin (Lm1700) u issa fl-ammont ta’ kwazi elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2500);

4. Illi fi kwalunkwe kaz stante li si tratta ta’ hajt divizorju, il-konvenuti qatt ma jistghu legalment jigu kkundannati jhallsu l-ammont kollu tal-istess hajt stante li ghandu jigi tenut kont tad-drittijiet rispettivi u servitujiet bejn il-ko-proprjetarji ta’ l-istess hajt cioe’ l-kontendenti odjerni;

5. Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni;.

Semghet ix-xhieda prodotta’;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi rizultat ta’ polza komprensiva ta’ assikurazzjoni l-attur nomine hallas lill-assigurati tieghu l-ammont ta’ elfejn, erba’ mija u hamsa u sittin Lira Maltin, (LM2,465.00,0), kif indikat fl-avviz odjern, ghall-hsarat sofferti mill-assigurati tieghu fejn wara maltempata li sehhet fit-28 u 29 ta’ Novembru ta’ l-1999 il-hajt divizorju ta’ l-assigurati ceda;

2. Illi jirrizulta assodat li l-hajt de quo ceda minhabba n-negligenza u nuqqas ta' manutenzjoni tal-konvenuti;

3. Illi d-danni sofferti jirrizultaw regolarment assodati u fortifikati minn certifikat ta' arkitett kwalifikat li ssorvelja x-xogholijiet necessarji;

4. Illi munit b'tali informazzjoni l-attur effettwa l-pagamenti ghad-danni sofferti mill-assigurati tieghu li taghhom gie regolarment surrogat;

5. Illi l-ammont miltub hu effettivament ftit anqas minn dak li jirrizulta sborsat mill-attur nomine skond id-dokumenti esebiti stante li dan jirrizulta ammontanti ghall-elfejn, erba' mija u sittin Lira Maltin u hdax-il centezmu, (Lm2,460.11,0);

Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-attur nomine pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u li l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti m'humiex ghalhekk sostenibbli;

Ghaldaqstant, wara li ezaminat ir-rizultanzi kollha kif esposti:

1. Tiddikajra li l-konvenuti Alfred u Gladys Sant Fournier huma unikament resposnabbli minhabba negligenza u imprudenza da parti taghhom ghad-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident li gara fil-lejl bejn it-28 u 29 ta' Novembru ta' l-1999 gewwa Ta' Xbiex, meta l-hajt divizorju li hemm bejn il-gonna tal-proprjeta' tal-konvenuti u dik ta' l-atturi waqa' u kkaguna hsarat konsiderevoli fil-proprjeta' tal-konjugi Cassar Torregiani, liema propjeta' kienet assigurata mas-socjeta' attrici assigurattrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici fis-somma ta' elfejn, erba' mija u sittin Lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm2,460.11,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuti Alfred u Gladys Sant Fournier ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta' l-ittra ufficjali datata l-10 ta' Awissu tas-sena 2000."

Il-konvenuti appellaw kontra din is-sentenza u bhala l-ewwel gravam issollevaw in-nullita` tas-sentenza ghar-raguni tad-difett fl-okkju taghha. Huma jirrilevaw illi subentrata l-mewt tal-konvenut Alfred Sant Fournier fil-kors tal-proceduri u nonostante t-talba taghhom ghad-debita trasfuzjoni ta' l-atti, li giet awtorizzata, din imbaghad ma sabetx postha fl-okkju tal-kawza u allura tas-sentenza;

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li fl-24 ta' April 2003 l-ahwa Stephen, Simon u Sean Sant Fournier intavolaw rikors biex l-gudizzju jigi trasfuz favur taghhom stante l-mewt tal-konvenut missierhom Alfred Sant Fournier fil-31 ta' Dicembru 2002. B' digriet tat-28 ta' April 2003 l-ewwel Qorti laqghet din it-talba izda ghal xi raguni l-okkju tal-kawza baqa' immutat fis-sens li t-trasfuzjoni awtorizzata ma gietx hemm riflessa;

Huwa pacifikament stabbilit illi "l-okkju tal-kawza ghandu importanza relattiva u ma jitbiddelx fil-kors tal-kawza ghalkemm jista' jkun hemm kambjamenti fir-rapprezentanza tal-partijiet jew ta' wahda minnhom" ("**Avv. Dr. Francis Portanier -vs- Avv. Dr. Francis Chetcuti *nomine***", Appell Civili, 15 ta' Novembru 1967; "**Ronald Urpani -vs- Albert Bajada**", Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju 1979);

Jezistu per ezempju kazijiet fejn jekk l-intervenjenti in kawza ma jessemmiex fl-okkju tas-sentenza dan ma jikkostitwix nullita`. Dan ghaliex a differenza tal-kjamat in kawza, l-intervenjenti la huwa attur u lanqas konvenut u huwa la jista' jigi kkundannat u lanqas liberat mit-talba. La darba dan huwa hekk l-inkluzjoni ta' isem l-intervenjenti fl-okkju ma tistax tigi konsiderata bhala essenzjali b' mod li l-omissjoni taghha ggib in-nullita` u ghalhekk ma taqa' taht l-ebda kategorija tal-kazi ta' nullita` kontemplata fl-Artikolu 792 (illum 789) tal-Kapitolu 12 – "**Konti Nutar Giovanni Carmelo Chapelle Paleologo -vs- Alfred Alamango**", Appell, 12 ta' Mejju 1963;

Jezistu mbaghad decizjonijiet li jsostnu illi ghalkemm hu veru li l-avveniment tal-mewt ta' wahda mill-partijiet meta l-kawza ghad mhix konkluza topera necessarjament l-interruzzjoni tal-gudizzju, tali principju ma jibqax hekk assolut meta simili interruzzjoni tavvera ruhha fiz-zmien li l-kawza tkun waslet fl-istat li tigi gudikata (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 858**). Jinghad ukoll pero` li eccezzjoni simili mhix assoluta, imma relattiva, u tmiss biss lill-persuna li ghandha l-istess interess li kellha l-persuna mejta "*perche questa eccezzione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto*" - "**Giuseppe Pace -vs- Consolata Camilleri**", Appell Civili, 4 ta' Gunju 1923; "**Carmela Mallia -vs- Beatrice Camilleri**", Appell Civili, 21 ta' Ottubru 1988);

Issa fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tan-nullita` giet proprju sollevata mis-successuri tal-mejjet. Huma jsostnu illi t-trasfuzjoni minnhom mitluba fil-mument meta l-kawza ma kienetx imhollija ghas-sentenza gabet bidla tal-partijiet fil-kawza (ara Artikolu 806 sa 810A tal-Kapitolu 12). Ara sentenza fl-ismijiet "**Maurice Mifsud Bonnici *nomine* -vs- Edgar Bonnici Cachia**", Appell, 14 ta' Frar 1994). Isostnu wkoll illi tali bidla ma gietx riflessa fil-kawza u wisq anqas fis-sentenza;

Il-konsegwenza ta' dan in-nuqqas hu allura li s-sentenza *de qua* li fiha tirrizulta l-mankanza fl-okkju ta' l-indikazzjoni tad-digriet tat-trasfuzjoni tal-gudizzju kellha titqies li kienet nieqsa minn element sostanzjali li jinficjaha. Ara decizjoni fl-ismijiet "**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**", Appell, 19 ta' April 1999;

Kif drabi ohra deciz din il-Qorti ma ghandhiex awtorita` li tikkorregi zbalji ta' din ix-xorta f' sentenzi ta' qorti ohra. Intqal li "is-sitwazzjoni ma jidherx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995 in kwantu s-subinciz (2) ta' l-Artikolu 175 infatti ma jirrizultax b' xi mod emendat ... Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika

opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kienux identici ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata" – "**Joseph Busutill -vs- Avukat Dottor John Mamo *nomine***", Appell, 28 ta' Frar 1997;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-vertenza u l-eventwali decizjoni fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula. L-ispejjez taz-zewg istanzi in kwantu jirrigwardaw dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------